# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025**

**Avviż Nru: 267/2024**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**Falcotrans Limited (C8284)**

**vs**

**Giuseppe Napolitano (K.I. 0119118A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressaq fis-27 ta' Novembru 2024[1], permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lil konvenut jħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tmint elef, tlett mija u ħamsa u sittin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€8,365.48ċ), rappreżentanti servizz ta' trasport ta' merkanzija reż u mhux imħallas, flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż.

Rat id-dokument anness mal-Avviż[2].

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 2 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2024[3].

Rat li kien hemm diversi seduti sabiex tiġi finalizzata l-proċedura tan-notifika.

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi tal-25 ta' April 2025[4] permezz ta' liema ġiet imressqa kopja tal-mandat ta' sekwestru imsemmi fl-Avviż promotur.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2025[5] fejn instemgħet x-xhieda ta' Jonathan Falzon[6]. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat li l-konvenut għażel li ma jressaqx risposta formali għal din il-proċedura u li lanqas irreġistra dehra fihom.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenut għażel li ma jweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas jirreġistra dehra fihom.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[7]. Kif reġa' ġie mtenni

3 A fol 4 tal-proċess.
4 A fol 34 tal-proċess.
5 Verbal relattiv jinsab a fol 77 tal-proċess.
6 Din tibda a fol 78 tal-proċess.
7 Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-*

riċentement: *"Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet Wood Systems SRLS v. Alex Cutajar, bħala prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, jingħad li l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et). Dan huwa minnu, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tabilħaqq jeżisti (ara Sergio Manché v. Tony Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003)"*[8].

Illi jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[9].

Illi l-Qorti ssib li s-soċjetà attriċi seħħilha tipprova l-każ tagħha, sew bix-xhieda tad-direttur Jonathan Falzon u bil-provi dokumentarji mressqa. Ukoll, irriżulta lir-relazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll din l-obbligazzjoni kienet waħda ta' natura kummerċjali.

---

*kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[8] Bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Julio Azzopardi vs Solare Engineering Limited,** (App Ċiv Nru: 29/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-8 ta' April 2025.

[9] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tmint elef, tlett mija u ħamsa u sittin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€8,365.48ċ) bl-imgħax legali mill-14 ta' Marzu 2024[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju[11] msemmi fl-Avviż promotur, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[10] Data tal-aħħar fattura.
[11] Kopja eżebita a fol 35 *et seq* tal-proċess.